**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum it-Tnejn 28 ta' Marzu, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs.**
**Faical Mahouachi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Faical Mahouachi (Karta tal-Identita' numru 0369294M).

Akkuzat talli:

1. Fl-24 ta' Lulju, 2000 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofs inhar, waqt li kien qed isuq vettura TFD 290 tal-ghamla Fiat Bravo, matul Triq Hal-Qormi, limiti ta' Hal-Luqa, saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u negligenti, u talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma hajt u kkaguna griehi ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Maria Sharon Pace, kif iccertifikat id-Dottoressa Miriam Sammut, M.D. tal-isptar San Luqa.

2. U aktar talli fl-istess jum, hin u lok, ikkaguna hsara involontarja fuq il-vettura numru TFD 290 ghad-detriment ta' Carmela Pace;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin u lok saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien liebes is-'seat belt'.

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Lulju, 2000 u fil-gimghat ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101, tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li ggib id-data 20 ta' Jannar, 1998 liema sentenza saret definittiva u ma tistax izjed tigi mhassra.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2015, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu ma kienx se jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub u jirrimetti ruhu ghall-provi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukat difensur tal-imputat;

Qabel ma tghaddi ghal konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti tixtieq tirrileva li din il-kawza giet differita ghas-sentenza fil-11 ta' Mejju 2006,[1] pero l-imputat harab minn Malta qabel lahqet inghat is-sentenza, u rega' nstab mill-Prosekuzzjoni f'Lulju 2014, u l-proceduri kontra tieghu komplew quddiem din il-Qorti kif preseduta;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti ghal dan l-incident huma s-segwenti:

1. Dak in-nhar tal-incident, l-imputat u certu Maria Sharon Pace kienu sejrin mill-Fgura ghal Hal-Luqa bil-vettura Fiat Bravo, proprjeta tal-genituri ta' Sharon Pace.
2. Fix-xhieda taghha Sharon Pace tghid li hi qalet lill-imputat isuq ghaliex kienet hadet il-methadone, u kienet qed thossha storduta peress li hadet il-methadone, u skond ix-xhieda taghha, l-imputat ha l-methadone fl-istess hin maghha. Izda fix-xhieda tieghu fl-inkjesta, l-imputat xehed li hu kien ha l-methadone xi l-11.30a.m. u l-incident sehh ghall-habta ta' 3.45pm.
3. Fit-triq min-naha ta' Hal-Luqa ghal Hal-Qormi, ghal xi raguni, l-imputat dahal f'pilastru ta' rixtellu fuq il-lemin tat-triq u qaleb ghadd ta' knaten. Mill-access fl-inkjesta u mir-ritratti ezebiti fl-inkjesta jirrizulta *"li l-hajt kien tal-kantun gholi 7/8 filati u kien hemm fetha fil-hajt li l-pilastru tax-xellug taghha (meta thares mit-triq) kien maqlub b'ghadd ta' kantuni fit-triq, evidentement rizultat tal-incident awtomobilistiku frisk."*
4. *"Il-karreggjata hi f'dan il-punt telgha hafifa lejn Hal-Luqa u, ghal fejn hemm dil-fetha, tasal b'liwja lejn ix-xellug segwita min linja lejn il-lemin – kollox fit-tul. Korrispondentement, min ikun niezel lejn Hal-Qormi, ghandu liwja lejn il-lemin*

[1] Ara verbal a fol. 152 tal-process.

*segwita minn liwja lejn ix-xellug – kollox fit-tul. Ghalhekk, il-vizwali fid-dritt hi twila hafna."*[2]

5. Fix-xhieda tieghu fl-inkjesta, l-imputat jghid ma jafx x'gara – *"L-ahhar haga li niftakar li hrigna mill-Fgura."*[3]
6. Konsegwenza ta' dan l-incident, Sharon Pace, li kienet riekba bhala passiggier fuq quddiem, soffriet griehi gravi tant li kienet fil-perikolu li titlef hajjitha, filwaqt li l-imputat sofra griehi hfief.
7. Il-karozza spiccat *total loss.*
8. Mix-xhieda tal-espert Dr. Michael Sammut jirrizulta li mit-testijiet li saru fuq kampjun tal-urina li ittiehdu lill-imputat fl-Emergenza tal-Isptar, kien hemm tracci ta' eroina li ittiehdet ftit sieghat qabel kien ittiehed il-kampjun. L-espert eskluda li t-tracci kienu ta' methadone.[4]

## Konsiderazzjonijiet dwar Htija

Il-Qorti se tghaddi biex tikkonsidra l-imputazzjonijiet wahda wahda:

*L-Ewwel Imputazzjoni: li bis-sewqan perikoluz u negligenti tieghu ikkaguna feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Maria Sharon Pace.*

Fil-kaz odjern, hadd ma ra l-incident isir, pero dan ma jfissirx li l-incident ma jistghax jigi rikostruwit mill-provi akkwiziti, partikolarment mill-espert u mix-xhieda.

Fix-xhieda tieghu, l-espert mekkaniku Joseph Zammit xehed li mill-ezamijiet li ghamel fuq il-vetttura involuta, ma irrizulta xejn li seta' ikkaguna dan l-incident, tant li l-vettura kienet f'kundizzjoni tista' tghid gdida.[5]

---

[2] Ara fol. 25 tal-inkjesta.
[3] Ara fol. 26 tal-inkjesta.
[4] Ara xhieda ta' Dott. Michael Sammut a fol. 71 *et seq.* u r-rapport tieghu immarkat bhala TX a fol. 65 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-espert Joseph Zammit a fol. 68-89 tal-process.

Fir-relazzjoni taghhom kongunta fl-inkjesta, l-espert mekkaniku u l-espert tat-traffiku Dottor Joseph Micallef Stafrace ikkonkludew hekk: *"Il-kwadru hu wiehed ta' sewqan zgarbat da parti ta' Faical Mahouachi li l-car li kien qed isuq qasmet "wrong side" (il-hin kien xi 3.45pm, jigifieri mhux fid-dlam, meta jista' jidhollok fl-assenza ta' xhieda okkulari u meta ghandek sewwieq li jghid li ma jafx x'gara, suspett dwar xi "oncoming light li jaghmik" u spiccat kraxxjat go hajt b'certa sahha."*[6]

Il-Qorti taqbel perfettament ma din il-konkluzjoni. Ghalkemm ix-xhud Sharon Pace – li ma xeheditx quddiem l-esperti ghax kienet ghadha medikament inkapaci li tixhed - xehedet f'dawn il-proceduri u qalet li l-imputat dahal go hajt ghax issikkathom karozza, li pero ma laqtithomx, din il-Qorti ma temminx din il-verzjoni. Fl-ewwel l-lok, il-wiesgha tat-triq hija tali, li anki kieku, ghall-grazzja tal-argument biss, issikkathom karozza ohra, kieku l-imputat kellu l-kontroll shih tal-vettura u ma kienx qieghed isuq b'mod zgarbat, kien jirnexxielu jiskapulaha minghajr ma jikkaguna d-dizastru li ikkaguna. Fit-tieni lok, anki kieku mess il-hajt, zgur ma kienx se jwaqqa c-cnagen tal-kantun ta' bicca sostanzjali tal-hajt, kif fil-fatt waqqa'. Dan juri bic-car li s-sewqan tieghu kien mhux biss wiehed negligenti, imma anki perikoluz.

Konsegwentement, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputat kien qed isuq b'mod perikoluz u negligenti.

Dwar il-griehi li soffriet Sharon Pace, huwa vera li wara li xehed il-Professur Anthony Galea Debono fl-2001, fejn qal li l-pronjozi ta' Sharon Pace kienet wahda hazina u li kien se jkollha problemi bil-mobilita, il-Prosekuzzjoni ma regghetx tellghet lix-xhud qabel ghalqet il-provi taghha biex jixhed dwar x'progress Pace kienet ghamlet fil-frattemp. Pero ix-xhieda tal-Professur hija wahda cara u, ghalkemm hu stess ammetta li seta' maz-zmien ikun hemm ammeljoramenti zghar, dawn kienu insinifikanti hdejn il-pregudizzju li sofriet Pace, ghax il-hsara li sofriet hija irriversibbli.

Il-Professur Galea Debono xehed li meta Pace ddahhlet l-Emergenza *"It-testijiet immarkaw li kellha hsara sostanzjali tar-ras, kien hemm ksur ta' diversi partijiet tal-ghadam tal-kranju u kien hemm evidenza fuq l-iscan ta' hsara tal-ghajn ghax kellha l-orbit, l-ghadam tal-orbit*

[6] Ara rapport tal-esperti fl-inkjesta a fol. 8.

*tar-right imkissrin u kienet mitlufa minn sensiha."* Hi giet taht il-kura tieghu xaharejn wara l-incident u jghid hekk *"Fil-prezent ghada rikoverata u l-prognosi taghha hija hazina hafna jigifieri din mhix mistennija li din qatt ser tkun tajba u tmur lura ghax-xoghol u l-hsara li ghandha cerebrali. ... ... Il-griehi principali huma kontuzjonijiet gravi li kellha fil-mohh, li sussegwentament ikkagunalha ukoll infarti, jigifieri li partijiet tal-mohh m'ghadhomx jahdmu bhala rizultat tad-daqqa. Jigifieri li ghandha huwa l-ezitu finali ta' head injuries goffi li sofriet fl-incident. ... ... Mistennija li jibqghu indefinite, xi ftit improvement ikun hemm, pero xorta probabbilment wiehed jistenna li fil-kaz taghha qatt mhi ser tkun kapaci taghmel gurnata xoghol. ... ... Minhabba l-hsara kbira li hemm diffuza fil-mohh. .... .... Ma tistghax timxi, jigifieri hi fil-prezent hija kompletament qieghda f'wheelchair, issa kwazi sena wara l-incident tiddependi totalment min-nurses biex jiehdu hsiebha u ma nistennihiex jien li ser tohrog minn wheelchair. Fil-prezent kien hemm kambjament tal-personalita ukoll, pero din il-parti bil-mod, il-mod qed titjieb, jigifieri fil-prezent li zgur ser ikollha problemi kbar fil-mobbilita taghha, jigifieri din ma nahsibx li ser timxi."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fid-dawl ta' din ix-xhieda skjetta tal-Professur Galea Debono – li fuq kollox ma giet bl-ebda mod kontradetta mid-difiza – din il-Qorti tifhem ghalfejn il-Prosekuzzjoni ma hassitx il-htiega li terga' ittella' lill-Professur jixhed. In oltre, l-Artikolu 218(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk."*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza harget bl-argument li dan huwa kaz fejn japplika il-principju ta' *volonti non fit iniuria."* Id-difiza targumenta li Pace xehdet li hi u l-imputat kienu hadu l-methadone flimkien fid-Detox Centre, u billi kienet storduta minhabba l-methadone, halliet lill-imputat isuq avolja skont id-difiza hija kienet taf li l-imputat kien ha l-methadone u seta' kien fl-istess posizzjoni bhalha. Ghalhekk, skond id-difiza Pace accettat u gharfet il-possibilita tar-riskju li dahlet ghalih.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva, li minn imkien mix-xhieda, la ta' Pace u lanqas tal-imputat, ma jirrizulta li l-imputat qal lil Pace li hu ma kienx f'posizzjoni li jsuq minhabba l-effett tal-methadone li ha. Huwa notorju li l-effett tal-methadone ivajra minn persuna ghall-ohra, u ma ngabet l-ebda prova mid-difiza biex tindika l-allegazzjoni taghha li hi kienet konxja li lanqas l-imputat ma kien f'kundizzjoni li jsuq, u minkejja dan xorta rikbet fil-vettura mieghu.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7], fis-sentenza **Xerri vs Xuereb**, deciza fit- 30 ta' Gunju 2015: *"'Il fatt li fil-lejl tal-incident il-vittma kienet fil-kumpannija tal-konvenut f'bars Paceville u probabilment ratu jikkonsma xorb alkoholiku, m'huwiex bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li l-vittma ma messha qatt rikbet fil-vettura tal-konvenut. M'hemmx prova li turi li matul dak il-lejl Xuereb tant kien xorob li Yana Xerri kienet taf li l-kapacita' ta' Xuereb sabiex isuq kienet serjament menomata u xorta hadet ir-riskju li tirkeb fil-vettura. 'Il fatt li t-test ta rizultat pozittiv m'hijiex prova li kien xurban jew li dawk li jkunu fil-kumpannija tieghu kellhom ikunu jafu li m'huwiex kapaci jsuq vettura."*

Ghaldaqstant, il-Qorti tichad din l-eccezzjoni tal-imputat.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova, sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, r-reat ta' griehi gravi u permanenti taht l-Artikolu 218(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti issib li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali l-ewwel imputazzjoni.

<u>*It-Tieni Imputazzjoni – Hsara Involontarja fuq il-vettura TFD290 ghad-detriment ta' Carmela Pace.*</u>

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza mhix qed tikkontesta li l-vettura in kwistjoni garrbet hsarat kbar, pero tissottometti li dawn ma gewx kwantifikati u lanqas hemm prova x'sar mill-vettura u ta' min attwalment kienet il-vettura.

Biex tibda mill-ahhar sottomissjoni, mill-provi jemergi li l-vettura kienet tal-genituri ta' Sharon Pace. Dan tghidu kemm omm Sharon Pace, Carmela Pace fix-xhieda taghha u tghidha ukoll Sharon Pace fix-xhieda taghha. It-tnejn jghidu li l-karozza spiccat total loss, u l-omm, Carmela Pace izzid tghid li ghad fadlilha thallas dejn ta' LM5000 fuqha, u li kienet xtratha sentejn qabel.

---

[7] *Per* Imhallef Anthony Ellul

Huwa vera li ma gabitx prova ta' kemm kienet tiswa l-vettura, izda l-fatt li kienet inxtrat biss sentejn qabel u kien ghad hemm dejn fuqha ta' LM5000. Billi r-reat huwa wiehed ta' natura involontarja, l-Artikolu 328(d) ma jiggradax il-piena mal-ammont tal-hsara.

Ghaldaqstant, ladarba hemm prova li saret hsara involontarja fuq il-vettura ta' Carmela Pace, liema vettura kien hemm dejn fuqha ta' LM5000, it-tieni imputazzjoni hija wkoll debitament ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*<u>It-Tielet Imputazzjoni – Sewqan ta' Vettura minghajr Seatbelt.</u>*

L-imputat jinsab akkuzat ukoll li saq il-vettura minghar ma kien liebes seatbelt.

Issa l-ewwel zewg persuni li marru fuq il-vettura wara l-incident kienu Joseph Caruana u Annabel Arri li kienu rekbin go vettura ohra, u meta raw l-incident Caruana waqqaf il-vettura tieghu biex jaraw x'ghandhom bzonn l-imputat u Pace. Arri marret fuq Pace u qalet li kienet liebsa s-seatbelt, pero ma tatx kaz dwar l-imputat.[8] Min-naha l-ohra Caruana mar fuq l-imputat. Fl-ewwel xhieda tieghu, Caruana jghid li *"Il-guvni kien mindud fuqha, bid-daqqa u ma rajtux marbut lil guvni le ... ...*[9] Skond l-istess xhud, imbaghad il-guvni stejqer u qam fuq saqajh.[10]

Minn din ix-xhieda ta' Joseph Caruana huwa car li l-imputat ma kienx liebes seat belt.

Inoltre, huwa notorju, li meta sewwieq ikun liebes seatbelt u jkollu incident ikrah bhal dan il-kwistjoni, ic-cunturin jaghfas il-gisem tas-sewwieq mas-seat u jhalli t-tbengil man-naha tal-ispallejn u man-naha taz-zaqq tas-sewwieq. F'dan il-kaz, fid-deskrizzjoni tal-griehi li garrab l-imputat li ta Dottor Louis Cassar White fix-xhieda tieghu, imkien ma semma l-imputat kellu xi tbengil fuq in-naha ta' spallejh jew f'zaqqu.[11] Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-airbag tax-xufier hadmet, kif jindikaw ir-ritratti ezebiti u l-verbal a fol. 19 tal-espert mekkaniku Joseph Zammit fl-inkjesta, u dan ovvjament ghen biex l-imputat ma jsofrix griehi gravi.

---

[8] Ara xhieda Annabelle Arri a fol. 85 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Joseph Caruana a fol. 96 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Joseph Caruana a fol. 93 tal-process.
[11] Ara xhieda ta' Dottor Louis Cassar White a fol. 13-14 tal-process.

Ghaldaqstant, anke din it-tielet imputazzjoni giet debitament ippruvata.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Pussess tad-Droga Eroina.*

Dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti ftit ghandha xi tghid. Hemm ir-rapport u x-xhieda mhux kontradetta tal-espert tossikologu Dottor Michael Sammut, li fil-kampjun tal-urina li ttiehed wara li l-imputat dahal fl-Emergenza tal-Isptar, kien hemm tracci ta' eroina.

Ma ngiebet l-ebda prova biex tikkontradici din il-prova xjentifika, u konsegwentement, il-Qorti hija tal-opinjoni li din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

*Il-Hames Imputazzjoni – Ir-Recidiva.*

Fl-ahharnett, l-imputat huwa recidiv b'sentenza moghtija lilha minn din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza datata 20 ta' Jannar 1998. Din is-sentenza giet ezebita, pero id-difiza tissottometti li din ma tikkostitwix prova, ghaliex ma tela l-ebda uffficjal tal-Pulizija jikkonferma bil-gurament li dik is-sentenza kienet kontra l-imputat odjern.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Scerri**, deciza fl-1 ta' Novembru 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[12] irreteniet hekk f'kaz fejn inghatat eccezzjoni simili: *"(I)llum gie ritenut li biex tigi stabilita l-identita tal-persuna akkuzata bl-addebitu tar-recidiva, ma hemmx bzonn li jitla xhud tal-identita u f'certi kazi ikun bizzejjed li jitqabblu l-konnotati w l-generalita tal-persuna li tkun, specjalment fejn illum kull persuna ghandha numru tal-karta tal-identita uniku w rrepetibbli (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs Carmela Spiteri"** [18.3.2004]"*

Fil-kaz odjern, il-konnotazzjonijiet u l-karta tal-identita tal-imputat fis-sentenza ezebita[13] huma fis-sustanza identici ghal dawk tal-imputat fil-kaz odjern, u konsegwentement, anke din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

---

[12] *Per* Imhallef J. Galea Debono
[13] Ara fol 128 tal-process.

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-vittma Sharon Pace soffriet danni irreparabbli u giet dizabilitata ghal ghomorha, minhabba l-agir u s-sewqan negligenti tal-imputat.

L-imputat huwa wkoll recidiv plurimu u fil-fedina aggornata tieghu ghandu mhux inqas minn disa' kundanni minn dawn il-Qrati, konsistenti f'reati diversi, partikolarment, tlett kundanni ghal pussess semplici ta' droga eroina, u kundanna ghar-reat tat-traffikar tal-eroina, tlett kundanni ghal serq aggravat, kundanna ghal sekwestru ta' persuna, kundanni ghal offiza gravi fuq il-persuna, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, u talli hebb kontra ufficjal pubbliku.

L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu, fosthom liberta kondizzjonata, Ordni ta' Probation u sentenza sospiza, pero jidher li l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet li tawh il-Qrati.

Ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hi tal-opinjoni li l-piena adegwata ghandha tkun ta' sentejn prigunerija effettiva u skwalifika tas-sewqan.

## Konkluzjoni

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65, ir-Regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja (L.S.) 65.12, l-Artikoli 328(b) u (d), 218(1)(a) u (b), 218(2), 49 u 50 tal-Kapitolu 9, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija effettivi.

Il-Qorti qieghda wkoll, ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tnax (12) -il xahar, liema terminu ghandu jibda jiddekorri wara li l-imputat jiskonta il-piena karcercarja li qieghda tigi b'din is-sentenza erogata.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi notifikat b'ittra mir-Registratur bl-ammont ta' dawn l-ispejjez, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**